



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13893/20

ENER 487
RECH 512
IND 264
CLIMA 341

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13699/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trawwim tal-Kooperazzjoni Ewropea f'Enerġija Lil Hinn mill-Kosta u Enerġija Rinnovabbli Oħra

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Trawwim tal-Kooperazzjoni Ewropea f'Enerġija Lil Hinn mill-Kosta u Enerġija Rinnovabbli Oħra, approvati permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

it-Trawwim tal-Kooperazzjoni Ewropea f'Enerġija Lil Hinn mill-Kosta u Enerġija

Rinnovabbli Oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. FILWAQT LI JFAKKAR

- 1.1. li l-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19) approva l-oġġettiv li tinkiseb Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi;
- 1.2. li l-Kunsill TTE (Enerġija) fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Futur tas-Sistemi tal-Enerġija tal-25 ta' Ġunju 2019 (10592/19) identifika l-introduzzjoni tal-enerġiji rinnovabbli u l-integrazzjoni tal-grilja tagħhom kif ukoll l-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet transkonfinali tal-elettriku bħala elementi ewlenin tas-sistema futura tal-enerġija, u identifika l-grilji u ċ-ċentri elettriċi lil hinn mill-kosta bħala waħda mill-prijoritajiet tal-infrastruttura tal-enerġija;
- 1.3. li l-Kunsill TTE (Enerġija) fil-konklużjonijiet tiegħu dwar ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 fis-settur tal-enerġija tal-UE - it-triq għall-irkupru tal-25 ta' Ġunju 2020 (9133/20) innota li s-settur tal-enerġija ser jeħtieġ investimenti b'mod partikolari fl-enerġiji rinnovabbli, l-elettrifikazzjoni u l-interkonnessjoni **jiet** transkonfinali, u enfasizza li approċċ strateġiku dwar l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jista' jstimula l-investimenti fis-settur;
- 1.4. li r-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika u d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jikkunsidraw il-ftuħ volontarju tal-iskemi ta' appoġġ tagħhom għall-parteċipazzjoni transkonfinali abbażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni sabiex jissupplimentaw l-isforzi nazzjonali tagħhom;

- 1.5. li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2018) 773 "Pjaneta Nadifa għal kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", u b'mod partikolari l-analiżi fil-fond tagħha b'appoġġ għall-Komunikazzjoni, tidentifika potenzjal sostanzjali għall-UE kollha biex tiżdied il-kapaċità tar-riħ lil hinn mill-kosta ta' 240 sa 450 GW sal-2050 flimkien ma' teknoloġiji oħra tal-enerġija rinnovabbli, sabiex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika;
- 1.6. li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2019) 640 "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" tiddikjara li s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli ser ikollhom rwol ewlieni għat-tranżizzjoni Ewropea lejn enerġija nadifa u li ż-żieda fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ser tkun miżura importanti f'dan ir-rigward, filwaqt li tibni fuq il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri, u tenfasizza modi kif jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inkluż l-enerġija mir-riħ u mix-xemx, mill-mewġ u mill-marea f'wiċċ l-ilma, b'mod partikolari billi l-ispazju marittimu tal-Unjoni jiġi ġestit b'mod aktar sostenibbli;
- 1.7. li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2020) 562 dwar it-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 tenfasizza r-rwol fundamentali tal-enerġija rinnovabbli fit-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, u li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli ser jeħtieġ li jintużaw fuq skala akbar biex jikkontribwixxu għal ambizzjoni klimatika oġhla u biex iħeġġu t-tmexxija industrijali tal-Unjoni fit-teknoloġiji rinnovabbli;
- 1.8. li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2020) 299 "Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija" tirrikonoxxi r-rwol tal-enerġiji rinnovabbli inkluż ir-riħ lil hinn mill-kosta għal aktar elettrifikazzjoni u tindika li l-Istrateġija Rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-azzjonijiet regolatorji u ta' finanzjament ta' segwitu ser jiżguraw l-ippjanar u l-użu kosteffettiv tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u jsaħħu t-tmexxija industrijali tal-UE fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;
- 1.9. li fil-Komunikazzjoni tagħha COM (2020) 741 "Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima", il-Kummissjoni tistma li ser tkun meħtieġa kapaċità installata ta' 300 GW ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u madwar 40 GW ta' enerġija mill-oċeani sal-2050 biex tinbena sistema tal-enerġija integrata, aktar ekoloġika u newtrali għall-klima għall-2050 u tenfasizza wkoll il-potenzjal sinifikanti ta' teknoloġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta oħra li jinsabu fi stadji differenti ta' maturità.

- 1.10. li s-Sejħa ta' Orizzont 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' Settembru 2020 ser tappoġġa l-applikazzjonijiet pilota u l-proġetti ta' dimostrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta inkluża l-enerġija mill-oċeani, l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (fuq wiċċ l-ilma) u l-enerġija solari lil hinn mill-kosta;
- 1.11. il-ħidma fir-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali dwar l-enerġiji rinnovabbli, b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, u t-tiżiż tal-grilja elettrika mwettqa
- mill-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana u msemmija fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħha tas-6 ta' Lulju 2020 dwar il-qafas tal-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana,
 - il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP) u msemmi partikolarment fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Intenzjoni dwar ir-Riħ lil hinn mill-Kosta tal-Baħar Baltiku tat-30 ta' Settembru 2020¹,
 - il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Interkonnessjonijiet għall-Ewropa tal-Lbiċ u
 - l-konnettività tal-enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC);
- 1.12. il-"Memorandum ta' Qsim" ta' Ġunju 2020 li jistabbilixxi l-oġġettiv li jiġi stabbilit qafas fit-tul għall-kooperazzjoni biex jiġu avvanzati t-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tal-gżejjer, b'rispett sħiħ għall-ispeċifitàjiet ta' kull gżira;
- 1.13. li dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill jiffukaw fuq enerġija lil hinn mill-kosta u enerġija rinnovabbli oħra bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tax-xenarju aktar ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu li huma meħtieġa wkoll sforzi oħra ta' dekarbonizzazzjoni;

¹ https://ec.europa.eu/energy/sites/ener/files/signature_version_baltic_sea_offshore_wind.pdf

2. FILWAQT LI JISĦAQ LI

- 2.1. l-użu tat-teknoloġiji kollha tal-enerġija rinnovabbli jaqdi rwol indispensabbli biex jintlaħqu l-miri tal-UE fl-enerġija u l-klima, u jikkontribwixxi sostanzjalment għall-kisba ta' Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050;
- 2.2. l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inkluż mir-riħ u tax-xemx lil hinn mill-kosta b'teknoloġija li żżomm f'wiċċ l-ilma u mwaħħla mal-qiegħ, l-enerġija tal-mewġ, il-kurrenti u l-mareat, id-differenzjali ta' gradjenti termali u tal-melħ, it-tisħin u t-tkessiħ tal-ilma baħar, l-enerġija ġeotermali, il-bijomassa tal-baħar (alga) kif ukoll il-konverżjoni potenzjali ta' pjattaformi eżistenti taż-żejt u tal-gass għal pjattaformi tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli mill-ibħra u l-oċeani Ewropej kollha, bl-użu ta' katina tal-provvista pan-Ewropea; filwaqt li l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta b'teknoloġija mwaħħla mal-qiegħ qed timmatura għall-ilmijiet baxxi f'xi Stati Membri, l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta b'teknoloġija li żżomm f'wiċċ l-ilma hija teknoloġija emerġenti promettenti għall-użu tal-enerġija rinnovabbli f'żoni b'qiegħ il-baħar aktar fond. Dawn it-teknoloġiji kollha jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' negozju għall-industriji Ewropej;
- 2.3. minbarra l-użu nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli, il-kooperazzjoni reġjonali msaħħa u l-proġetti transkonfinali fost l-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għal aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u għal aktar titjib fl-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-UE kollha u għal infrastruttura mtejbja ta' trażmissjoni tal-elettriku. Barra minn hekk, għandhom il-potenzjal li jipprovdu benefiċċji netti b'mod partikolari lill-Istati Membri parteċipanti permezz ta' kisba aktar kosteffiċjenti tal-miri nazzjonali u tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli jekk jingħelbu l-isfidi u l-ostakli għal tali kooperazzjoni;
- 2.4. kooperazzjoni bħal din tista' tinkiseb b'forom differenti ta' ftuħ transkonfinali volontarju ta' skemi nazzjonali ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli, pereżempju offerti konġunti u skemi konġunti ta' appoġġ, inkluż għal pajjiżi mingħajr kosta. Proġetti transkonfinali jistgħu jiġu ffaċilitati bil-Mekkaniżmu l-ġdid ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Governanza;

- 2.5. il-kooperazzjoni transkonfinali, inkluż proġetti konġunti u ibridi, hija għażla volontarja flimkien mal-użu nazzjonali ta' enerġiji rinnovabbli mwettqa biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 għall-użu tal-enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif indikat fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u meħtieġa għal ambizzjoni riveduta għall-2030; il-volumi ppjanati ta' appoġġ nazzjonali jistgħu jiżdiedu aktar bl-allokazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- 2.6. l-użu aċċellerat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll iż-żieda fl-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), u ż-żieda fil-katina tal-valur kemm nazzjonalment kif ukoll fi proġetti ta' kooperazzjoni reġjonali, jistgħu jgħinu biex jinholq suq domestiku Ewropew b'saħħtu u kompetittiv għat-teknoloġiji emerġenti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, li jista' jgħin lill-Ewropa tespandi u żżomm it-tmexxija globali tagħha f'dawn it-teknoloġiji fuq skala industrijali;
- 2.7. il-kooperazzjoni transkonfinali fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tista' taqdi rwol importanti fir-rigward ta' dawn l-oqsma; b'mod partikolari, daww il-proġetti li huma ffinanzjati minn aktar minn Stat Membru wieħed u proġetti li jorbtu ma' aktar minn Stat Membru wieħed (proġetti konġunti u ibridi) jistgħu jisfruttaw il-potenzjal għall-użu tal-enerġija rinnovabbli fuq skala kbira u l-ekonomiji ta' skala billi jnaqqsu l-ispejjeż tas-sistema u r-rekwiżiti tal-ispazju, u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tas-suq u tal-grilja tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta kif ukoll il-kummerċ tal-elettriku;
- 2.8. b'kont meħud tal-prinċipju li l-effiċjenza tiġi l-ewwel, l-użu tal-enerġija rinnovabbli jista' jaqdi rwol ewlieni fl-integrazzjoni tas-settur, fost l-oħrajn billi jiffaċilita l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni rinnovabbli fis-sistema tal-enerġija direttament permezz tal-grilja elettrika jew billi jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' siti addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta permezz ta' kooperazzjoni transkonfinali;
- 2.9. l-użu ta' teknoloġiji eżistenti u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-ħżin tal-enerġija, inkluż il-konverżjoni tal-elettriku rinnovabbli f'idroġenu, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar integrazzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta u enerġija rinnovabbli oħra fis-sistema tal-enerġija Ewropea, fost l-oħrajn billi jappoġġaw l-istabbiltà u l-flessibbiltà tal-grilja, u jtejbu l-każ tan-negozju għall-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli;

- 2.10. ir-riformi li jsaħħu l-investimenti fil-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ser jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku mill-pandemija tal-COVID-19 billi jrawmu l-innovazzjoni, il-ktajjen tal-valur Ewropej, it-tkabbir industrijali, l-iżvilupp ta' ekonomija ekoloġika u l-impjiegi madwar l-Unjoni, kif ukoll il-kompetittività tal-industriji tal-UE; il-kooperazzjoni reġjonali fost l-Istati Membri ser tkun fattur importanti biex jiġi żgurat li dawn il-benefiċċji jinqasmu b'mod mifrux;
- 2.11. il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan dwar il-Mira Klimatika jipprovdu opportunità unika għal approċċ integrat għall-politiki u l-miżuri, inkluż l-użu nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli u kooperazzjoni reġjonali msaħħa bejn l-Istati Membri u bejn ir-reġjuni fuq l-enerġiji rinnovabbli, qafas regolatorju xieraq u regoli dwar l-għajjnuna mill-istat, appoġġ finanzjarju adegwat, aspetti industrijali u ta' tkabbir, koeżjoni soċjali u dimensjonijiet tal-impjiegi, kif ukoll R&I;
- 2.12. il-kooperazzjoni internazzjonali taqdi rwol dejjem akbar fl-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u tista' tiġi ffaċilitata, fost l-oħrajn, billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) tipprovdi analiżi fil-fond dwar il-potenzjal tekniku u l-opportunitajiet ekonomiċi kif ukoll mill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) u l-Qafas Kollaborattiv dwar l-Enerġija Rinnovabbli Lil Hinn mill-Kosta billi tlaqqa' l-pajjiżi flimkien biex jidentifikaw oqsma għal kollaborazzjoni internazzjonali u jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;

3. MINĦABBA D-DIFFERENZI ĠEOGRAFIĊI FL-UNJONI U L-MATURITÀ TEKNOLOĠIKA DIFFERENTI TAL-ENERĠIJI RINNOVABBILI, JIRRIKONNOXXI LI

- 3.1. l-ispiża tal-użu tal-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari fi swieq inqas maturi u għal teknoloġiji inqas maturi (inkluż teknoloġiji lil hinn mill-kosta bħar-riħ li jżomm f'wiċċ l-ilma u r-riħ fotovoltajku li jżomm f'wiċċ l-ilma u lil hinn mill-kosta f'kundizzjonijiet artiċi) u t-teknoloġiji assoċjati meħtieġa jeħtieġ li jitnaqqsu aktar;
- 3.2. R&I u appoġġ ta' dimostrarazzjoni għat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta inqas maturi tal-UE, kif ukoll l-iżvilupp tal-katina tal-provvista, huma kruċjali għat-titjib tal-kompetittività u l-kapaċità tagħhom li jixprunaw l-innovazzjoni globali;

- 3.3. il-bilanċ bejn l-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u objettivi oħra fl-ispazju marittimu huwa sfida u li l-kunċetti b'użu differenti għal objettivi differenti u l-użu konġunt ta' teknoloġiji differenti jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati kompromessi spazjali u jiġu pprovduti benefiċċji ambjentali;
- 3.4. l-użu fuq skala kbira ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta, partikolarment ir-riħ lil hinn mill-kosta, jeħtieġ żvilupp ta' grilji lil hinn mill-kosta u fuq l-art li għalihom huwa meħtieġ livell partikolarment għoli ta' aċċettazzjoni pubblika u appoġġ politiku mill-Istati Membri, filwaqt li jiġu rikonnoxxuti l-isforzi kruċjali mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni f'dan ir-rigward; barra minn hekk, it-tħaddim bla periklu u b'sigurtà tal-grilja jeħtieġ kapaċità ta' bbilanċjar adegwata, eż. permezz ta' soluzzjonijiet ta' tweġiba fuq in-naħa tad-domanda jew ħżin;
- 3.5. ħafna komunitajiet kostali u gżejjer qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, fir-rigward tal-potenzjal kbir tagħhom ta' enerġija rinnovabbli, il-partikolaritajiet ambjentali u soċjoekonomiċi tagħhom bħall-bijodiversità tal-baħar u t-turiżmu tal-baħar u kostali, u r-rwol tal-gżejjer kif ukoll tal-komunitajiet kostali fl-implimentazzjoni ta' proġetti pilota għal enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta inqas maturi; il-gżejjer u l-komunitajiet kostali għandhom rwol speċjali fit-tmexxija tad-dekarbonizzazzjoni billi jsiru laboratorji għal proġetti pilota għal diversi teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, sabiex tiżdied id-diversifikazzjoni tas-sorsi u t-teknoloġiji rinnovabbli filwaqt li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista f'sistemi iżolati;

4. BI ĦSIEB TA' KOOPERAZZJONI TRANSKONFINALI JINNOTA LI

- 4.1. jeżistu ostakli u sfidi sostanzjali għal proġetti ta' kooperazzjoni transkonfinali fuq l-enerġija rinnovabbli, li ma jistgħux jingħelbu bi ftehimiet intergovernattivi bilaterali u multilaterali (IGAs) bejn l-Istati Membri dwar proġetti speċifiċi biss;
- 4.2. ostakli u sfidi għal proġetti transkonfinali jinkludu, pereżempju:
- spejjeż ta' tranżazzjoni oġhla minħabba sforzi u inċertezzi sostanzjali ta' koordinazzjoni politika, teknika u legali inkluż għall-ewwel proġetti,

- l-isfida li tiġi żgurata allokkazzjoni bilanċjata tal-ispejjeż u l-benefiċċji fl-Istati Membri parteċipanti;
- fondi u finanzjament limitati fil-livell nazzjonali u b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni biex ikopru nuqqasijiet fil-finanzjament ta' proġetti nazzjonali u transkonfinali; b'mod partikolari, fir-rigward ta' proġetti transkonfinali, biex jiġu koperti n-nuqqasijiet ta' finanzjament addizzjonali li jirriżultaw, fost l-oħrajn, minn allokkazzjoni potenzjalment żbilanċjata tal-ispejjeż u l-benefiċċji;
- relatata mal-kategorizzazzjoni tal-linji ta' trażmissjoni transkonfinali fi ħdan proġetti tal-enerġija ibridi lil hinn mill-kosta (li jikkombinaw il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u l-kummerċ) bħala interkonnetturi skont ir-regoli tas-suq tal-elettriku tal-UE, l-isfida li jiġi evitat tnaqqis sinifikanti tal-elettriku mill-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fi ħdan tali proġetti ibridi u li tiġi żgurata l-integrazzjoni effettiva tal-grilja u tas-suq filwaqt li jiġi żgurat li l-ispejjeż u l-benefiċċji jinqasmu b'mod ġust;
- in-nuqqas ta' allinjament tal-istandards tekniċi (eż. fuq id-dwal u l-immarkar fuq it-turbini tar-riħ jew l-interoperabbiltà u l-livelli ta' vultaġġ tat-tagħmir ta' trażmissjoni);
- sfidi oħra li jirriżultaw minn attivitajiet relatati mad-difiża u użi oħra tal-ispazju marittimu;

4.3. L-allinjament bejn l-ippjanar spazjali marittimu u l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-grilja lil hinn mill-kosta fost l-Istati Membri jista' jittejjeb sabiex ikun jista' jsir użu effiċjenti tal-ispazju marittimu u jiġi ffaċilitat l-użu ta' proġetti nazzjonali u transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;

4.4. L-ippjanar tal-grilja lil hinn mill-kosta spiss ma jkunx interkonness biżżejjed mal-konnessjonijiet tal-grilja fuq l-art u mar-rinforzi interni tal-grilja;

5. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA

5.1. Il-libertà tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom f'konformità mal-Artikolu 194 TFUE, il-kompetenzi nazzjonali għall-iżvilupp tal-grilji tal-elettriku nazzjonali tagħhom inkluż l-interkonnessjonijiet, u r-responsabbiltajiet nazzjonali għall-infurzar u s-sorveljanza regolatorja tar-regoli tas-suq tal-elettriku fit-territorju tagħhom;

- 5.2. Id-dritt tal-Istati Membri li jfasslu l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, u d-dritt tagħhom li jiddeċiedu sa liema punt jappoġġaw l-elettriku minn sorsi rinnovabbli li jiġi prodott fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

6. B'KONT MEĦUD TAL-KOOPERAZZJONI EWROPEA FL-ENERĠIJI RINNOVABBLI FL-ENERĠIJA ĠENERALI, JIDENTIFIKA L-ĦTIEĠA GĦAL

- 6.1. aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija, anke bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura interna u transkonfinali u interkonnettività aħjar fost l-Istati Membri, fost l-oħrajn permezz tal-politika dwar in-networks trans-Ewropej tal-enerġija, proġetti ta' interess komuni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, sabiex tiġi appoġġata l-integrazzjoni ta' volumi dejjem akbar ta' enerġija rinnovabbli fis-suq Ewropew tal-elettriku u biex jiġu ffaċilitati l-kummerċ u l-kooperazzjoni transkonfinali;
- 6.2. tnaqqis fl-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-konklużjoni ta' ftehimiet intergovernattivi bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri dwar proġetti transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli billi jiġi pprovdut menu ta' għażliet għal mudelli ta' kooperazzjoni rilevanti fir-rigward tal-ftuħ volontarju ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali inkluż l-għażla li tinholq skema ta' appoġġ konġunt kif ukoll "pjan ta' azzjoni" li jinkludi elementi ewlenin ta' tali ftehimiet, sabiex jiġu appoġġati l-Istati Membri inkluż il-pajjiżi mingħajr kosta fil-proċess ta' kooperazzjoni;
- 6.3. koordinazzjoni bejn l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBA) u l-allokazzjoni transkonfinali tal-ispejjeż (CBCA) għal proġetti transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli, inkluż proġetti konġunti u ibridi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, sabiex jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji rilevanti kollha. Dawn jistgħu jinkludu fost l-oħrajn benefiċċji minn ammonti fil-mira tal-enerġija rinnovabbli, spejjeż għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli, integrazzjoni tas-suq, (inter)konnessjoni tal-grilja u tiżiħ u integrazzjoni tal-grilja;

- 6.4. użu mtejjeb u aktar effettiv tal-fondi eżistenti tal-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' proġetti transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll l-użu nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' strumenti ewlenin tal-Unjoni bħall-Mekkaniżmu ġdid ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-Unjoni, strumenti oħra tal-Unjoni bħall-InvestEU u skemi ta' finanzjament għal proġetti innovattivi tal-Bank Ewropew tal-Investment, u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) 2021-2027, immirati lejn proġetti transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli bil-linja ta' finanzjament ġdida dedikata tiegħu; b'mod partikolari, operabbiltà rapida u biżżejjed likwidità, minn sorsi eżistenti, tal-funzjoni abilitanti tal-Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli tal-Unjoni biex jappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jsaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali billi jkopri nuqqasijiet fil-ffinanzjament fi proġetti konġunti li ġejjin, fost l-oħrajn, minn allokazżjoni żbilanċjata tal-ispejjeż u l-benefiċċji bejn l-Istati Membri;
- 6.5. qafas rivedut tal-ġhajjnuna mill-Istat għall-appoġġ tal-enerġija rinnovabbli li huwa konsistenti mad-direttivi u r-regolamenti tal- "Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa", u l-Patt Ekoloġiku Ewropew u li jiffaċilita l-kisba tal-miri tal-klima u l-enerġija għall-2030 fid-dawl tal-Pjan dwar il-Mira Klimatika tal-UE u l-oġġettiv ta' Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050 u b'hekk jappoġġa l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiżgura ċ-ċertezza tal-investituri u l-aċċettazzjoni pubblika tal-appoġġ meħtieġ, u jippermetti l-promozżjoni tar-R & I u d-dimostrazzjoni fuq skala kbira tat-teknoloġiji emerġenti u innovattivi;
- 6.6. investimenti fir-R&I fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, fuq il-bażi ta' aġenda għall-UE kollha għar-R&I kif żviluppata fil-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Pjan SET) li għandhom jiġu aġġornati sabiex jirriflettu l-ambizzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-rwol tal-enerġija rinnovabbli fih, permezz tas-Sejħa tal-Patt Ekoloġiku ta' Orizzont 2020 u l-programmi ta' ħidma li jmiss ta' Orizzont Ewropa għall-2021 u l-2022;
- 6.7 appoġġ għall-proċess ta' dekarbonizzazzjoni f'sistemi tal-elettriku periferali żvantaġġati, iżolati jew insulari bħal gżejjer jew reġjuni ultraperiferiċi, inkluż żoni kostali iżolati, li ser jibbenefikaw mill-użu ta' teknoloġiji lil hinn mill-kosta differenti permezz tat-tfassil ta' appoġġ immirat li jqis is-sitwazzjoni speċifika tagħhom.

7. FIR-RIGWARD TA' PROĠETTI TAL-ENERĠIJA RINNOVABBILI LIL HINN MILL-KOSTA B'MOD PARTIKOLARI, JIDENTIFIKA L-ĦTIEĠA GĦAL

- 7.1. approċċ komprensiv li jippermetti l-użu nazzjonali u transkonfinali ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u ktajjen tal-valur ta' teknoloġiji lil hinn mill-kosta li jwassal għal viżjoni fit-tul, jarmonizza l-fatturi teknoloġiċi, soċjoekonomiċi u ambjentali mal-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni, b'mod partikolari bi strumenti li jappoġġaw l-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta kollha u jkopru l-ġeografija diversa tal-Unjoni inkluż ir-reġjuni tal-baħar kollha;
- 7.2. jibnu fuq fora eżistenti u jesploraw għażliet għal koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri dwar l-ippjanar spazjali marittimu f'baċiri tal-baħar Ewropej differenti u ż-żoni Atlantiċi rilevanti biex jippermettu użu effiċjenti u sostenibbli tal-ispazju marittimu, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet nazzjonali; approċċ olistiku u komprensiv għall-użu u l-ġestjoni tal-ispazju marittimu, b'kont meħud tal-pjanijiet spazjali marittimi nazzjonali u l-inkoraġġiment ta' għażliet għal użu multiplu, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-protezzjoni ambjentali tal-ekosistema tal-baħar u l-aċċettazzjoni pubblika, u biex tiġi ffaċilitata l-koeżistenza ta' użi differenti tal-ispazju marittimu sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki rilevanti oħra tal-Unjoni bħall-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Politika Komuni tas-Sajd;
- 7.3. l-intensifikazzjoni tar-riċerka biex jiżdied l-għarfien dwar l-ambjent tal-baħar u l-migrazzjoni tal-għasafar u t-tiżiħ tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar dawn is-suġġetti permezz tal-iskambju ta' data, l-aħjar prattika u esperjenzi;
- 7.4. esplorazzjoni ta' għażliet għal koordinazzjoni aħjar bejn il-pjanijiet spazjali marittimi u l-ippjanar tal-grilja lil hinn mill-kosta fil-livell Ewropew, reġjonali u nazzjonali, inkluż il-konnessjoni fuq l-art ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u d-drittijiet nazzjonali, biex jiġi ffaċilitat l-użu fuq skala kbira tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni;

- 7.5. ippjanar nazzjonali integrat tal-grilja lil hinn mill-kosta u fuq l-art kif ukoll koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-ippjanar fit-tul tal-grilja lil hinn mill-kosta, u, fejn meħtieġ kif approvat mill-Istat Membru rilevanti, inkluż it-tisħiħ tal-grilja interna, li huwa essenzjali għall-użu kosteffiċjenti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, b'kont meħud ta' ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri; f'dan il-kuntest, tittejjeb ukoll il-koordinazzjoni reġjonali bejn l-ippjanar tal-infrastruttura ta' diversi trasportaturi tal-enerġija biex jiġi ffaċilitat it-trasport tal-idroġenu rinnovabbli minn sorsi tal-elettriku rinnovabbli lil hinn mill-kosta;
- 7.6. fehim aktar sfiq u analiżi aktar fil-fond tal-isfidi fir-rigward tal-linji ta' trażmissjoni fi ħdan proġetti ibridi b'mod ġenerali, u b'mod partikolari fir-rigward tal-implikazzjonijiet multipli ta' kategorizzazzjoni ta' dawn il-linji ta' trażmissjoni transkonfinali bħala interkonnnetturi skont ir-regoli attwali tas-suq tal-elettriku tal-UE u ta' kunċetti possibbli għall-arranġamenti tas-suq;
- 7.7. fuq din il-bażi, soluzzjoni rigward l-arranġamenti tas-suq tal-elettriku fil-livell tal-Unjoni li tippermetti t-tweqqif rapidu ta' proġetti konġunti u ibridi tal-enerġija lil hinn mill-kosta u tiżgura użu effiċjenti tar-riżorsi tal-grilja u tas-suq u l-integrazzjoni effettiva tal-grilja u tas-suq tal-elettriku rinnovabbli lil hinn mill-kosta; f'dan il-kuntest, l-effetti distributtivi wkoll fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-atturi tas-suq u tal-Istati Membri, ir-riperkussjonijiet fuq l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u l-inċertezzi legali jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jippermettu investiment effiċjenti fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta; kull soluzzjoni għandha tiżgura t-tħaddim sigur u kosteffettiv tas-sistema tal-elettriku;
- 7.8. R&I imsaħħa madwar l-Unjoni u l-koordinazzjoni tagħha fost l-Istati Membri għal enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inkluż teknoloġiji inqas maturi bħal tar-riħ lil hinn mill-kosta li jżommu f'wiċċ l-ilma kif ukoll tar-riħ lil hinn mill-kosta f'kundizzjonijiet artiċi, solari li jżommu f'wiċċ l-ilma, l-enerġija tal-mewġ, il-kurrenti u l-mareat, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tat-teknoloġiji u jiġi appoġġat l-użu tagħhom, kif ukoll bħala dimostrazzjoni ta' teknoloġiji ewlenin tal-grilja meħtieġa għal sistema integrata tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;

7.9. esplorazzjoni ta' għażliet għal allinjament aħjar bejn l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-komponenti inklużi fil-ġenerazzjoni u t-trażmissjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta (fissa jew li żżomm f'wiċċ l-ilma) biex tiġi ffaċilitata l-espansjoni ta' katina tal-provvista pan-Ewropea mkabbra. Tali allinjament jista' jinkludi wkoll komponenti f'teknoloġiji oħra tal-enerġija mill-oċeani, jiġifieri l-marea u l-mewġ, sa fejn ikun possibbli, li jikkontribwixxu għal tnaqqis tal-ispejjeż f'dawn is-setturi;

8. **JILQA' B'SODISFAZZJON L-ISTRATEĠIJA TAL-ENERĠIJA RINNOVABBILI LIL HINN MILL-KOSTA TAL-KUMMISSJONI** bħala bażi importanti għal diskussjonijiet mal-Istati Membri u aktar ħidma fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal teknoloġiku u fiżiku tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, li ser ikun kruċjali sabiex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u l-klima tal-Ewropa għall-2030 u biex issir newtrali għall-klima sal-2050.

9. **JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI** biex tiżgura segwitu rapidu għal dawn il-konklużjonijiet u l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore, fid-dawl tal-isforzi addizzjonali meħtieġa biex jinkiseb l-oġettiv tan-newtralità klimatika, billi tħejji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, proposta għal "qafas favorevoli" fil-livell tal-Unjoni għal proġetti nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli transkonfinali u oħrajn rilevanti, li jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati fil-paragrafi 6 u 7, magħmula minn, fost l-oħrajn:

9.1. gwida dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet intergovernattivi bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri dwar proġetti transkonfinali tal-enerġija rinnovabbli, inkluż pjan dettaljat għal tali ftehimiet, gwida għal mudelli ta' kooperazzjoni rilevanti fir-rigward tal-ftuħ volontarju ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali inkluż offerti konġunti u skemi ta' appoġġ konġunti, u gwida dwar is-CBA u s-CBCA, kif ukoll koordinazzjoni bejniethom, għal proġetti transkonfinali;

9.2. ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-UE flimkien ma' proposta għal użu aħjar u aktar effettiv tal-fondi eżistenti tal-Unjoni minn strumenti ewlenin tal-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' proġetti transkonfinali u nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli permezz tal-operazzjonalizzazzjoni tal-finanzjament tal-istrumenti rilevanti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-funzjoni abilitanti tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli, li jibni fuq il-Pjan ta' Rkupru Ewropew;

- 9.3. gwida dwar kif il-koordinazzjoni fost l-Istati Membri fl-ippjanar spazjali marittimu u fl-ippjanar tal-grilja lil hinn mill-kosta tista' tittejjeb u tissaħħaħ, inkluż dwar l-iżvilupp tal-grilja fuq l-art u l-konnessjoni ta' enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta, kif ukoll dwar standards tekniċi;
- 9.4. fir-rigward ta' proġetti tal-enerġija ibridi lil hinn mill-kosta, analiżi aktar bir-reqqa u fil-fond tal-implikazzjonijiet u l-kunċetti kif deskritti fil-punt 7.6., fost l-oħrajn li għandhom jiġu inklużi f'valutazzjoni tal-impatt relatata biss mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u kif dawk id-dispożizzjonijiet biss jistgħu jiġu adattati għal tali proġetti ibridi, f'qafas stabbli ta' investiment legali, li jiżguraw kemm il-funzjonament tas-suq intern kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-ġenerazzjoni u l-integrazzjoni tal-elettriku bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija; valutazzjoni ta' kif twettiq rapidu ta' proġetti ibridi u biżżejjed flessibbiltà għall-ittestjar ta' għażliet differenti u innovattivi jistgħu sadanittant jiġu ffaċilitati u proposta, ibbażata fuq din l-analiżi u fuq l-esperjenzi ta' proġetti ibridi, għal soluzzjoni fit-tul f'konformità mal-elementi deskritti fil-punt 7.7.;
- 9.5. appoġġ għar-R&I fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u t-teknoloġiji tal-grilja kif ukoll it-teknoloġiji tal-integrazzjoni tal-grilja, inkluż il-ħżin, fil-programmi ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2021 u l-2022 inkluż sejħiet imfassla apposta li jqisu l-ispeċifitàjiet teknoloġiċi u ġeografiċi tal-Istati Membri kollha, u riċerka xjentifika intensifikata dwar l-impatt kumulattiv fuq l-ambjent tal-baħar u dwar il-migrazzjoni u ċ-ċirkolarità tal-għasafar bid-disinn, u aġġornament tal-Pjan SET biex tiġi riflessa l-importanza tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari lil hinn mill-kosta, biex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni msaħħa u skambju fost l-Istati Membri dwar dawn is-suġġetti;
- 9.6 li jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' Forum Ewropew dwar l-Enerġija Rinnovabbli Lil Hinn mill-Kosta li jlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bil-għan li titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali u l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli lil hinn mill-kosta.